---

11 ta' Ġunju, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri. LL.D.

Bernard Zammit *versus* Emmanuele Formosa et.

**Appell — Intervent fil-Kawża — Interess — Art. 234 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Huwa veru illi appell jista' jagħmel anki kull min għandu interess f'kawża; iżda din il-kelma 'interess'' għandha tiġi nterpretata fis-sens illi dak l-interess irid ikun konkret, u jrid ikun jissussisti di fronti għal dak li kontra tiegħu tkun saret id-domanda.*

*Għalhekk appell magħmul minn intervenjent fil-kawża li ma għandux interess simili huwa null.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi huwa fis-27 ta' Marzu 1947 biegħ lill-konvenut kwantitativ ta'

ħadid imkisser, "scrap iron", eżistenti fuq il-mollijiet, fl-imħażen u fl-iskollijiet ("slip-ways"), bil-prezz ta' £2. 5. 0 it-tunnellata, liema ħadid il-konvenut kellu jibda u jkompli jirtirah wara 15-il ġurnata mill-bejgħ u ħallas £400 akkont tal-prezz; u li l-konvenut irtira 52 tunnellata ħadid li jiswew £342 (dok. A), u non ostanti l-intimi bonarji u l-interpellazzjonijiet ġudizzjarji tal-21 ta' Lulju u tas-16 ta' Awissu 1947, sal-lum għadu ma rtirax il-kumplament tal-ħadid li ġie lilu mibjugħ u mħabba f'hekk l-attur qiegħed isofri danni peress illi huwa *ġie kundannat mill-Qorti b'sentenza tal-21 ta' Mejju* 1947, biex jirrimwovi dak il-ħadid mill-ispazji publiċi, taħt penali ta' £1 għal kull ġurnata ta' dewmien, u qiegħed iżomm ingombri l-imħażen tiegħu li altrimenti kien ikun jista' jutilizza mod ieħor; u talab (1) illi l-konvenut jiġi kundannat li jaddivjeni għall-użin tar-rimanenza tal-ħadid lilu mibjugħ mill-attur, fiż-żmien li jiġi stabbilit minn dina l-Qorti, biex jiġi aċċertat il-kwantitativ li l-konvenut għandu jirtira bilanċ tal-partita li ġiet lilu mibjugħa u għall-finijiet l-oħra kollha u għall-effetti tal-liġi, kompriż ir-riskju tal-proprjetà; (2) il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur il-prezz tal-kwantitativ tal-ħadid li jirriżulta mil-peżament li jsir skond it-talba preċedenti, bil-prezz ta' £2. 5. 0 it-tunellata, bid-deduzzjoni mit-total ta' £58 bilanċ ta' £400 antiċipati mill-attur, bl-interessi *kummerċjali; (3) il-konvenut jiġi dikjarat* responsabili għad-danni derivanti lill-attur mid-dewmien tiegħu fir-ritir tal-merċi mibjugħa, konsistenti fl-imsemmija penali li l-attur qiegħed iħallas lill-gvern, telf ta' kera ta' l-imħażen, u fi kwalunkwe ħaġa oħra li tirriżulta, liema danni għandhom jiġu likwidati f'ġudizzju separat; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali fuq indikati;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn issottometta illi li "scrap" in kwistjoni ġie minnu mixtri għal "Joseph E. Mamo & Sons, Ltd.", li kellu jġorr l-istess "scrap", u għalhekk hemm lok tas-sejħa ta' dana l-istess Mamo fil-kawża. Illi mingħajr preġudizzju..............;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu tat-28 ta' Ottubru 1947, fejn laqgħet l-ewwel

u t-tielet talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut, salva kull xorta ta' azzjoni ta' danni u ta' regress favur il-konvenut u kontra Joseph Mamo, jekk u skond il-liġi, u għall-finijiet ta' l-ewwel talba tat lill-konvenut xahar żmien, u fil-każ li jgħaddi inutilment dak it-terminu awtorizzat lill-attur jieħu ħsieb huwa, per mezz ta' piżatur publiku u addett għad-Dwana, biex jiżen il-ħadid in kwistjoni bi spejjeż tal-konvenut u jippreżenta ċ-ċedoli ta' l-użin wara l-atti ta' dil-kawża; u rriżervat li tipprovdi fuq it-tieni talba wara li jsir l-użin kif ġie provdut fuq l-ewwel talba. U salv dak li ġie provvedut bir-riżerva favur il-konvenut, Joseph Mamo għandu jbati l-ispejjeż li għamel; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li fis-27 ta' Marzu 1947, l-attur biegħ kwantità ta' ħadid qadim............... Il-konvenut kien obligat jirtira dak il-ħadid, iżda ddawwar ma ħa ħsieb jirtirah, u spiċċa biex biegħu lil Joseph Mamo li issa qiegħed jesportah. Bejn l-attur u Mamo ebda relazzjoni ma hemm, u għalhekk l-attur ma għandux jiġi mfixkel mill-kuntratt ta' bejn il-konvenut u dak Mamo fuq il-ħadid. L-attur qala' kundanna mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija biex iwarrab il-ħadid..............;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Joseph E. Mamo u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata billi tiġi revokata in kwantu laqgħet l-ewwel u t-tielet talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut u kontra l-appellanti, jekk u skond il-liġi, u fejn għall-ewwel talba tat lill-konvenut xahar żmien u in difett awtorizzat lill-attur jieħu ħsieb jiżen huwa per mezz ta' piżatur publiku u addett għad-Dwana l-ħadid in kwistjoni bi spejjeż tal-konvenut u jippreżenta ċ-ċedoli ta' l-użin wara l-atti tal-kawża, u jiġi minflok deċiż billi tiġi milqugħa l-ewwel talba, però bi żmien iżjed twil skond id-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, u billi jiġi deċiż għar-riġett tat-tielet talba għar-responsabilità tad-danni tal-konvenut, billi jiġi dikjarat illi ma kienx hemm inadempiment għax ma kienx hemm terminu u ma kienx hemm telf ta' kera, u konfermata fil-kumplament; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-ammissibilità ta' l-appell magħmul minn Joseph Mamo;

Illi dan interpona appell in vista tad-dispożizzjoni tal-Liġi tal-Proċedura Civili li tgħid illi l-appell jista' jiġi interpost mhux biss mill-partijiet, iżda anki minn dak li għandu interess; iżda din il-kelma ta' "interess" ġiet interpretata mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-8 ta' April 1899, in re "Brockdorff vs. Pace Balzan" (Kollez. Vol. XVII, p. 111), fis-sens illi "appena è necessario di aggiungere che l'interesse, ossia il motivo della domanda giudiziale (f'dan il-każ il-motiv ta' l-appell) deve essere concreto, e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta", għaliex allura jista' joħroġ l-interess li jissostanzja t-talba u l-appell b'leġittimu kontradittur; kif, per eżempju, kien il-każ deċiż minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 1918 in re "Mallia vs. Curmi Ceci ed." (Kollez. Vol. XXIII. paġ. 693), fejn l-appellant kellu di fronti għall-attur ta 'allura leġittimu dritt li jikkontesta t-talba għall-pregradwazzjoni ta' depożitu. Dan jidher ukoll mill-kontest tad-dispożizzjonijiet sussegwenti għal dak l-artikolu 234 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (antik 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), u speċjalment mid-dispożizzjoni ta' l-art. 236. Il-Mortara, "Procedura Civile", meta jitkellem fuq l-interess tal-konvenut, jgħid illi "il convenuto deve essere il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore........... Solo chi è in questa situazione, o vi appare in virtù dell'asserzione dello attore, può stare contro di lui in giudizio, perchè eventualmente può avere utilità a far respingere l'istanza contenuta nell'azione";

F'dan il-każ, għall-kuntrarju, l-appellant jammetti li huwa ma għandu ebda rapport ma' l-attur, li di fronti għall-appellant huwa terz, u għalhekk dik id-dispożizzjoni mhijiex applikabili, meta preċiżament il-kontestazzjoni saret bejn il-il-konvenut u l-attur. Jekk il-konvenut deherlu illi minħabba r-relazzjonijiet tiegħu ma' l-appellant kien hemm bżonn illi

dan ikun parti fil-kawża, allura jmissu talab għalbiex l-appellant jiġi msejjaħ fil-kawża, u jinsisti fuq din it-talba;

Tikkunsidra;

Illi veru huwa illi bħala intervenjent fil-kawża l-appellant ma jistax jiġi kundannat jew liberat; iżda l-Ewwel Qorti ma għamletx ħaġ'oħra ħlief ordnat illi l-ispejjeż tiegħu jbatihom huwa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-appellat Zammit u tiddikjara inammissibili l-appell magħmul minn għand Joseph Mamo; u għalhekk huwa null; bl-ispejjeż relativi kontra tiegħu.